MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2010

Numru. 342/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**

**KONTRA**

**ALEKO PHANDEEV ta' 27 sena, iben David u Tamar nee' Kutsevi, imwieled Telavi, Georgia nhar it-13.04.1983, bla residenza, detentur tal-passaport numru 07 AE94017;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **ALEKO PHANDEEV** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-2 ta' Jannar, 2010, ghall-habta tal-16.00hrs, gewwa l-fond Ultimate, Triq Salvu Busuttil, San Gwann,

ikkommetta serq ta’ laptop tad-ditta Acer Extensa 5630, ghad-detriment ta’ Mario Cutajar, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur;

2. U aktar talli nhar id-9 ta’ Marzu, 2010, ghall-habta tat-8pm, barra l-Ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan, Triq San Gorg, San Giljan, waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija, mizmum skond il-Ligi, harab minn tali kustodja jew minn persuni nkarigati mill-kustodja tieghu;

3. U aktar talli nhar it-8 ta’ April, 2010, ghall-habta ta’ 12.20hrs, gewwa c-Centru tas-Sahha tal-Gzira, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC 1415 Ryan Borg, waqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi minn awtorita’ kompetenti;

4. U aktar talli nhar it-8 ta’ April, 2010, ghall-habta ta’ 12.20hrs, gewwa c-Centru tas-Sahha tal-Gzira, ingurja jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PC 1415 Ryan Borg bhala persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien qieghed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza’ jew jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

5. U aktar talli nhar it-8 ta’ April, 2010, ghall-habta ta’ 12.20hrs, gewwa c-Centru tas-Sahha tal-Gzira, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fil-gisem jew fis-sahha ta’ PC 1415 Ryan Borg, skond kif iccertifika Dr S B Das MD mic-Centru tas-Sahha tal-Gzira;

6. U aktar talli nhar it-8 ta’ April, 2010 ghall-habta ta’ 12.20hrs kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Rat li fi stadju ta’ interrogatorju l-imputat kien irregistra ammissjoni ghall-akkuzi lilu dedotti, pero din l-ammissjoni giet minnu rtirata fi stadju ulterjuri tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet id-debita trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi xehdu zewg impjegati ta’ l-istabbiliment Ultimate, cioe’ Nizar Hingary u Josef Mugliett li gharfu lill-imputat bhala wiehed mit-tnejn minn nies irgiel li dahlu gol-hanut imsemmi, u serqu laptop. Huma t-tnejn salesmen jahdmu fl-istess stabbiliment. Gharfu mir-ritratti ezebiti, mehuda mis-CCTV li hija fil-hanut imsemmi, iz-zewg irgiel involuti f’dan ir-reat ta’ serq. Xehdu u jidher mir-ritratti msemmija, Dok NH 3 a folio 40, li fil-fatt kien ir-ragel l-iehor li fizikament seraq il-laptop in kwistjoni. Jidher ukoll pero li l-imputat kien ben konxju minn dak li kien qed jokkorri. Xehed wkoll Cutajar Mario, direttur tal-kumpanija derubata, illi l-laptop misruq huwa ta’ €579 (Dok AC).

Dan il-fatt huwa ammess mill-imputat Phandeev fl-istqarrija tieghu, folio 16 Dok NS 1. Jammetti li hu kien involut f’din is-serqa, flimkien ma’ iehor, juza l-kelma ‘no’ (folio 17). Ammetta wkoll illi l-laptop huwa bieghu ghas-somma ta’ €300 lil wiehed Gharbi.

Illi fl-istess stqarrija Phandeev innega li harab lill-pulizija, u ma kienx jaf allura kif spicca wegga’ l-ufficjal tal-pulizija, dan fil-Gzira Health Centre. Ammetta pero li darba li originarjament gie arrestat, huwa harab mill-kustodja tal-pulizija stante li f’pajjizu kien hemm il-gwerra u ma kellux VISA biex joqghod Malta, ghalhekk ma setax jibqa’ hawn Malta. Ghalhekk xehdu PC 340 Leroy Balzan u PS 69 Jesmond Cremona dwar il-fatt illi Phandeev Aleko darba arrestat gie mmanettjat fil-karozza tal-pulizija, irnexxielu jahrab mill-kustodja tal-pulizija. Baqa’ ma nqabadx. Gara pero li aktar tard PC 415 Ryan Borg gie nvolut fl-arrest hawn imsemmi ta’ Phandeev, u li allura kien anke xhud tal-harba tieghu. Kien fit-8 ta’ April hiereg mill-poliklinika tal-Gzira - hemm gharaf lill-imputat. Zammu sakemm tasal l-assistenza. Pero xehed illi hu hebb ghalih u pprova jahrab. Qal li poggieh bil-qieghda. Sakemm kien fuq it-telephone l-imputat ta s-salt u pprova jahrab. Xehed PC 415 hekk *‘Jien htaftu u we struggled sakemm gie arrestat. Fl-istess mument sakemm kont qed narrestah hu beda*

*jaghtini bis-sieq fejn ghamilli xi griehi of slight nature.'* (folio 80).

Ikkunsidrat:

Illi ftit ghandha xi tghid din il-Qorti darba li ezaminat il-provi prodotti. Certament u bla dubju l-akkuzi addebitati lil Aleko Phandeev kollha gew sufficjentement pruvati. Ghalhekk qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 261, 267, 279, 151, 160, 96, 95, 221, 338, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Dwar il-piena rat ukoll il-fedina penali ta' l-imputat, netta, tqis illi l-piena idonea ghal dawn ir-reati ghandha tkun ta' disa' (9) xhur piena karcerarja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------